



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.6.2007  
KUMM(2007) 318 finali

2007/0131 (CNS)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqsa tas-sisa fuq ir-rum "tradizzjonali"  
prodott fid-Dipartimenti extra-Ewropej tagħha u li tħassar id-Deċiżjoni tal-  
Kunsill 2002/166/KE tat-18 ta' Frar 2002**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

Iż-żamma tas-settur tal-kannamieli/zokkor/rum fid-Dipartimenti extra-Ewropej (DOM) hija indispensabbli biex jiġi żgurat l-ekwilibriju ekonomiku u soċjali tagħhom. Fil-fatt, fit-tliet Dipartimenti l-aktar milquta, jiġifieri Réunion, Guadeloupe u Martinique, dan is-settur huwa l-orġini ta' volum ta' kummerċ ta'madwar EUR 250 miljun, u jipprovdi madwar 40 000 impjieg, li minnhom 22 000 huma impjiegi diretti. Il-koltivazzjoni tal-kannamieli hija bil-wisq l-aktar eżempju sinifikanti ta' attività integrata tad-DOM, li tippermetti mhux biss valorizzazzjoni diretta tal-produzzjoni tas-settur permezz tar-rum u z-zokkor, iżda wkoll valorizzazzjoni indiretta permezz ta' prodotti anċillari bħalma huma l-molassi jew il-ħuxlief użati bħala sors ta' enerġija, għalf ta' l-annimali jew fertilizzanti naturali. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi enfasizzat l-impatt pożittiv tal-koltivazzjoni tal-kannamieli għall-konservazzjoni ta' l-ambjent fid-DOM, bis-saħħa tal-mod li bih din il-koltivazzjoni tiġġieled l-erożjoni, preġju kbir fid-dawl tal-pendili u x-xita qawwija. Bara minn hekk, is-sistema ta' l-għeruq tal-kannamieli, flimkien ma' bżonn relattivament żgħir ta' fertilizzant, jgħinu biex iżommu livell tajjeb tal-kwalità ta' l-ilma. Terġa', ffit jintużaw pestiċidi għal din il-koltivazzjoni. Fl-aħħarnett, skond l-awtoritajiet Franċiżi, ir-residwi mill-proċess industrijali jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-produzzjoni ta' l-elettriku, u b'hekk jevitaw l-emissjoni fl-arja ta' CO<sub>2</sub> minn enerġija fossili. Jikkontribwixxi għalhekk għall-ilħiq ta' l-impjenji meħuda fil-livell internazzjonali rigward il-ħarsien ta' l-ambjent permezz tal-Protokoll ta' Kjoto. **Flimkien mas-settur tal-banana, din hija l-unika attività ta' esportazzjoni sinifikanti f'reġjuni li fihom l-esportazzjoni ma' tkoprix aktar minn 7% ta' l-importazzjoni.**

Il-proposta għandha l-għan li Franza tingħata l-awtorizzazzjoni tapplika rata mnaqqsa tas-sisa fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fid-Dipartimenti extra-Ewropej tagħha (DOM) fuq kwantità ta' 108 000 ettolitr ta' alkoħol pur (HAP) mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2012. **Testendi s-sistema fiskali attwali applikabbli għar-rum tradizzjonali sew fil-volum kif ukoll fit-tul ta' żmien, minħabba li l-qagħda ħżienet mill-2001 'l hawn.**

Fid-dawl ta' kemm huwa ristrett is-suq lokali, id-distillaturi tad-Dipartimenti extra-Ewropej ma jistgħux iżommu l-attivitajiet tagħhom ħlief jekk igawdu minn aċċess suffiċjenti għas-suq ta' Franza kontinentali, li jikkostitwixxi l-iżbukk essenzjali għall-produzzjoni tagħhom tar-rum (aktar minn 50 % tat-total).

Id-defiċit kompetittiv tar-rum tradizzjonali fis-suq Komunitarju essenzjalment huwa dovut għal-prezzijiet għolja ta' bejgħ, minħabba l-għoli ta' kemm jiġi jiswa r-rum fid-DOM.

B'mod partikolari, **l-iżvilupp tal-pagi mill-2001 'l hawn kien kontra d-DOM**, b'żieda ta' 24 % fil-paga minima kull siegħa (Smic horaire) bejn l-2001 u l-2006.

Barra minn hekk, id-DOM wara l-2001 għamlu investimenti kbar, ta' aktar minn EUR 45.5 miljun. **Dawn id-Dipartimenti huma suġġetti għall-istandards Komunitarji ta' l-emissjonijiet u tas-sikurezza, li jirrikjedu investimenti konsiderevoli mhux produttivi<sup>1</sup>.** Filwaqt li l-investimenti totali ġew immultiplikati bi 2.6 bejn l-2001 u l-2004, il-proporzjon ta' l-investimenti meħtieġa għall-ħarsien ta' l-ambjent tirrappreżenta EUR 21.3 miljun, jiġifieri 47 % tat-total. Tassew li dawn l-investimenti huma meġġuna parzjalment mill-fondi strutturali<sup>2</sup>, li jagħtu kontribut fl-investimenti inizjali tad-distilleriji. Imma jeħtieġ li jingħad li din l-għajjnuna ma tikkorrispondix għal 100 % ta' l-investment meħtieġ, u wkoll li ma tkoprix iż-żieda ta' l-ispejjeż operattivi kkawżata mill-ilħiq ta' l-istandards. Tajjeb li jiġi enfasizzat li din iż-żieda fl-ispejjeż ma tikkontribwixxix għat-titjib tal-produttività, iżda tissarraf fi spiża għall-produzzjoni ta' kull unità għal kull litru ta' rum prodott: l-ispejjeż għall-manutenzjoni u t-tħaddim ta' dan it-tagħmir iżidu kemm jiġi jiswa r-rum b'madwar 10 % sa 15 % skond id-distillerija. Għaldaqstant id-distilleriji jeħtiġhom jagħmlu sforz finanzjarju kbir kull sena.

Dawn l-ispejjeż globali lill-impriżi tad-DOM iqegħduhom f'sitwazzjonijiet finanzjarji li sikwit ikunu diffiċli, f'kuntest regolamentari li kull ma jmur dejjem isir aktar strett. Is-soluzzjoni l-waħdanija għad-distillaturi hija li dawn l-ispejjeż ipattu għalihom b'volumi oġġla ta' produzzjoni, billi jitħallew ikollhom biżżejjed aċċess għas-suq kontinentali, għaladarba l-volum totali mibgħut lejn is-suq Komunitarju naqas bi 12 % bejn l-2002 (176 791 HAP) u l-2005(155 559 HAP).

Għalhekk huwa importanti li d-DOM jitħallew iżommu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq kontinentali, billi l-kwota attwali tagħhom tiġi estiża. Filwaqt li l-konsum tar-rum fi Franza żdied b'20 % bejn l-2000 u l-2005, ir-rum tad-DOM irreġistra żieda ta' 16 %, jiġifieri relattivament mar lura fis-suq, filwaqt li fl-istess żmien żdiedu l-ispejjeż tal-produzzjoni. Mill-2005 'l hawn, qed tintuża l-kwota kollha. Tnaqqis fiskali jippermetti li parzjalment jitpatta għall-għoli ta' kemm jiġi jiswa r-rum u għal grad relattivament għoli ta' alkoħol fir-rum tad-DOM, u li b'hekk il-ħwienet il-kbar jibqgħu jistokkjawh.

Għal dawn ir-raġunijiet, qed jiġi propost li l-kwota attwali ta' 18 000 HAP tiżdied biex tilħaq total ta' 108 000 HAP, li tikkorrispondi għal estrapolazzjoni fuq sitt snin tax-xejra tal-konsum irreġistrata f'dawn l-aħħar snin fi Franza kontinentali.

Fid-dawl tal-ħtieġa li l-produtturi tas-settur kannalieli/zokkor/rum tinholqilhom klima ta' ċertezza ġuridika, u b'kunsiderazzjoni tal-perjodi twal biex meħtieġa ikopru l-ispejjeż tat-tagħmir u tal-bini, u fil-qies tal-bżonn ta' koerenza ma' regoli oħra tal-Komunità, huwa f'loku li jinqabel li din id-deroga tinżamm sa tmiem l-2012.

#### • **Kuntest ġenerali**

Permezz ta' Deċizzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 1995, fuq ir-rum tradizzjonali prodott fid-DOM, Franza kienet ġiet awtorizzata tapplika rata tas-sisa anqas minn dik sħiħa applikabbli għall-alkoħol etiliku. Din il-miżura kellha tiskadi fil-31/12/2002. Kienet estiża bid-Deċizzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2002, għal kwota ta' 90 000 HAP. Din id-Deċizzjoni pprovdiet li sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2006, Franza kellha tibgħat lill-Kummissjoni rapport li jippermetti lil din ta' l-aħħar tivvaluta l-persistenza tar-raġunijiet li ġġustifikaw l-għoti tar-rata

<sup>1</sup> Bħala eżempju, l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-cachaça huma daqs l-ispejjeż li d-DOM jagħmlu biss biex iħarsu l-istandards ambjentali.

<sup>2</sup> L-għajjnuniet għall-modernizzazzjoni eliġibbli għall-kofinanzjament ma jistgħux ikopru miżuri għaż-żieda tal-kapaċità.

mnaqqsa. Fis-27 ta' Diċembru 2005, Franza kkomunikat rapport ta' nofs il-perjodu u talbet kwota addizzjonali għar-rum tradizzjonali. It-talba ta' l-awtoritajiet Franċiżi ġiet eżaminata fir-rigward ta' l-eżiġenzi ta' l-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE, id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat għandhom ikunu applikabbli għad-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, għall-Azores, Madejra u l-Gżejjer Kanarji. B'danakollu, bili jittieħed kont tas-sitwazzjoni strutturali soċjali u ekonomika tad-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, l-Azores, Madejra u l-Gżejjer Kanarji, li hija aktar ikkumplikata bid-distanza u l-insularità tagħhom, bid-daqs żgħir, bit-topografija u l-klima diffiċli, bid-dipendenza ekonomika fuq ftit prodotti, li l-permanenza u l-kumbinazzjoni tagħhom jirrestrinġu bi kbir l-iżvilupp tagħhom, il-Kunsill, b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, għandu jadotta miżuri speċifiċi bl-iskop li, partikolarment, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' l-applikazzjoni tat-Trattat tal-KE għal dawk ir-reġjuni, inklużi l-politiki komuni.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/166/KE tat-18 ta' Frar 2002, li saret abbażi ta' l-artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE, lil Franza jawtorizzaha tapplika rata mnaqqsa tas-sisa fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fid-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej. Din ir-rata mnaqqsa hija llimitata għal kwota annwali ta' 90 000 HAP. Meta mqabbla mar-rati applikati fuq prodotti simili li ma jkunux ġejjin mid-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, ir-rata mnaqqsa tista' tkun anqas mir-rata minima tas-sisa fuq l-alkoħol stabbilita bid-Direttiva 92/84/KEE, iżda ma tistax tkun aktar minn 50% anqas mir-rata tas-sisa nazzjonali normali fuq l-alkoħol. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tapplika sal-31 ta' Diċembru 2009, b'rapport f'nofs il-perjodu, sa mhux aktar tard minn Ġunju 2006. Il-proposta preżenti għandha l-għan li tieħu post dik id-Deċiżjoni.

- **Koerenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra ta' l-Unjoni**

Il-miżuri speċifiċi pprovduti bl-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE jeħtiġilhom iqisu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet tar-reġjuni l-aktar imbiegħda bla ħsara għall-integrità u l-koerenza ta' l-ordni ġuridiku Komunitarju, inklużi s-suq intern u l-politiki komuni. Din l-esiġenza tqieset permezz ta' eżami partikolarment attent tat-talba mressqa mill-awtoritajiet Franċiżi. Għaldaqstant, filwaqt li t-talba inizjali ta' l-awtoritajiet Franċiżi kienet tinvolvi żieda fil-kwota ta' 30 000 HAP b'ġustifika bbażata fuq l-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE, il-Kummissjoni jidhrilha li abbażi ta' l-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE hija biss żieda ta' 18 000 HAP li hija ġġustifikata, għaladarba din tikkorrispondi għal estrapolazzjoni tax-xejriet tal-konsum tradizzjonali rreġistrati f'dawn l-aħħar snin fi Franza kontinentali.

Fl-analiżi tal-proposta, is-servizzi tal-Kummissjoni qiesu wkoll l-effett ta' miżuri oħra eżistenti fuq is-settur kannamieli/zokkor/rum (ir-reviżjoni ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, li saret fi Frar 2006, tikkontribwixxi parzjalment għaż-żamma tas-settur), partikolarment il-miżuri ta' għajjnuna stabbiliti fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod ta' l-Unjoni, kif ukoll il-koerenza ta' dawn il-miżuri mal-proposta preżenti.

Għall-produtturi tar-rum maħdum mill-produzzjoni taz-zokkor u tar-rum maħdum mil-molassa, l-għajnuniet mogħtija fil-kuntest ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq jippermettu li jinżamm il-prezz ta' l-akkwist tal-materja prima, minkejja t-tnaqqis fil-prezz taz-zokkor, iżda ma jnaqqsulhomx l-ispejjeż tal-produzzjoni.

**2) IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT**

• **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

It-talba ta' l-awtoritajiet Franċiżi tressqet abbażi ta' talbiet mis-setturi ekonomiċi kkonċernati.

• **Akkwist u użu ta' għarfien espert**

L-użu ta' esperti esterni ma kienx meħtieġ.

• **Valutazzjoni ta' l-impatt**

Ir-rum tad-DOM illum jirrappreżenta madwar 20 % tat-total tas-suq Komunitarju.

Il-kwota attwali tirrappreżenta anqas minn 8.68 % tas-suq Komunitarju u ż-żieda proposta fil-kota ma tinvolvi ħliet madwar 1.5 % ta' dan is-suq għal perjodu ta' sitt snin. Tammonta għal 18 000 HAP, kwantità li tikkorrispondi għal estrapolazzjoni fuq sitt snin tax-xejriet tal-konsum tradizzjonali fi Franza kontinentali rreġistrati bejn l-1999 u l-2005.

**Żvilupp tal-kwantitajiet disponibbli għall-konsum**

	Disponibbli għal-konsum "sisja mnaqqsa"	Barra l-kwota	Pajjiżi terzi	Total
2005	90 000	35 500	5500	131 000
2004	87 900	30 800		
2003	86 400	26 200		
2002	86 900	37 000		
2001	86 200	26 500		
2000	78 300	30 000	1000	109 300

Varjazzjoni 2000/2005            20 %,

Projezzjoni                            18 000 HAP

Il-miżura tikkontribwixxi għall-iżvilupp reġjonali. Il-fiskalità preferenzjali tibbenefika l-atturi differenti tas-settur kannamieli/zokkor/rum:

- billi tapplika għall-kwantitajiet disponibbli għall-konsum, lill-konsumatur kontinentali tippermettilu jkollu aċċess għar-rum tradizzjonali tad-DOM bi prezz aċċettabbli;
- tippermetti li l-produzzjoni tad-distilleriji jkollha suq u valorizzazzjoni aħjar;
- għaldaqstant tiżgura ż-żamma tal-kultivazzjoni tal-kannamieli kif ukoll ta' l-impjiegi marbutin magħha, u tikkontribwixxi għall-utilizzazzjoni ta' l-artijiet tar-reġjuni extra-Ewropej.

L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li, li ma kienx għall-vantaġġ fiskali, kien jintilef 50 % tas-suq (prinċipalment fi Franza kontinentali), u b'hekk jagħlqu 75 % tad-distilleriji. Jinħassu wkoll effetti oħra fuq il-profitti tas-settur kollu, kultivaturi u impjanti taz-zokkor. Minbarra ż-żamma ta' madwar 22 000 impjieg direttament marbutin mal-produzzjoni tar-rum, is-sistema tikkontribwixxi indirettament biex tiġi vvalorizzata l-prouzzjoni ta' prodottii bħall-melassa jew il-ħuxlief li wkoll jinisbu mill-kannamieli u li jintużaw bħala sors ta' enerġija, għalf ta' l-annimali jew fertilizzanti naturali. Is-sistema fiskali ħalliet li jinżammu 11-il distillerija fil-Guadeloupe, 9 fil-Martinique, 3 f'Réunion u waħda fil-Guyane. Kien hemm distillerija waħda biss li waqfet mill-attività matul il-perjodu 2002-2005.

Tajjeb li jinsaħaq fuq il-fatt li, fil-perjodu 2000-2005, l-importazzjoni fi Franza kontinentali ta' rum li joriġina fi nħawi oħra kibret b'aktar minn 500 %. Għaldaqstant l-eżistenza ta' sistema fiskali speċifika ma ttellifx il-penetrazzjoni dejjem aktar fis-suq Franċiż ta' rum kompetittiv. Barra minn hekk, titħares l-integrità tas-suq intern: is-sistema fiskali speċifika mogħtija lid-DOM wara l-1995 ma affettwatx l-iżvilupp tas-sehem tas-suq tar-rum ta' oriġini oħra, sew fis-suq Franċiż kif ukoll f'dak intern (meta mqabbel ma' l-1995, is-sehem tas-suq tad-DOM fis-suq intern ta' l-Unjoni Ewropea (Franza eskluża) mar lura b'aktar minn 50 %, filwaqt li s-sehem tas-suq ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi AKP u terzi kiber b'aktar minn 20 %, biex fl-2005 kien jirrappreżenta 80 % tal-volum mibjugħ).

Għaldaqstant, iż-żieda propsta tal-kwota b'rata mnaqqsa tas-sisa fi Franza kontinentali la għandha tikkawża taqlib is-suq intern u lanqas fil-politika fiskali komuni.

### 3) L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

#### • Sommarju tal-miżuri proposti

Il-proposta tawtorizza lil Franza biex tapplika rata mnaqqsa tas-sisa fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fid-Dipartimenti extra-Ewropej tagħha (DOM) fuq kwota annwali ta' 108 000 ettolitru ta' alkoħol pur (HAP) mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2012.

#### • Bażi ġuridika

L-Artikolu 299(2) tat-Trattat.

#### • Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għalhekk ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaqa' għall-ispejjeż kbar tal-produtturi tar-rum tradizzjonali.

L-awtoritajiet Franċiżi jinotaw ukoll li r-rata mnaqqsa tas-sisa li kienet applikabbli fuq ir-rum tradizzjonali tad-DOM ma ħajret l-ebda kumpanija internazzjonali tal-produzzjoni tistabbilixxi ruħha fid-DOM biex tiżviluppa l-produzzjoni tagħha u b'hekk tgawdi mill-vantaġġ fiskali tas-settur. Mhux talli hekk, talli l-aħħar impriża internazzjonali telqet mill-Martinique fl-2004, filwaqt li baqgħet attiva fis-settur fil-pajjiżi ta' l-AKP.

Dan it-tagħrif kumplessivament juri l-proporzjonalità tas-sistema ta' l-għajnuna ma' l-għan imfittex, jigiġifieri t-titjib tal-kompetittività tas-settur kannamieli/zokkor/rum, u wkoll li din il-miżura ma affettwatx l-iżvilupp ta' sehem ir-rum minn oriġini oħra fas-suq intern.

- **Għażla ta' l-istrument**

L-Artikolu 299(2) tat-Trattat jipprovdi li l-miżuri speċifiċi favur ir-regġuni l-aktar imbiegħda għandhom jiġu adottati permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.

#### **4) EFFETT FUQ IL-BAĠIT**

Il-proposta ma għandha l-ebda effett fuq il-baġit tal-Komunità.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqsa tas-sisa fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fid-Dipartimenti extra-Ewropej tagħha u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/166/KE tat-18 ta' Frar 2002**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 299(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni<sup>3</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>4</sup>,

Billi:

- (1) B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE, id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat għandhom ikunu applikabbli għad-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, għall-Azores, Madejra u l-Gżejjer Kanarji. B'danakollu, bili jittieħed kont tas-sitwazzjoni strutturali soċjali u ekonomika tad-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, l-Azores, Madejra u l-Gżejjer Kanarji, li hija aktar ikkumplikata bid-distanza u l-insularità tagħhom, bid-daqs żgħir, bit-topografija u l-klima diffiċli, bid-dipendenza ekonomika fuq fteit prodotti, li l-permanenza u l-kumbinazzjoni tagħhom jirrestrinġu bi kbir l-iżvilupp tagħhom, il-Kunsill, b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, għandu jadotta miżuri speċifiċi bl-iskop li, partikolarment, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' l-applikazzjoni tat-Trattat tal-KE għal dawk ir-reġjuni, inklużi l-politiki komuni. Huwa u jadotta dawn il-miżuri, il-Kunsill għandu jqis xi oqsma bħal, partikolarment, il-politika fiskali. Huwa u jadotta dawn il-miżuri l-Kunsill għandu jikkunsidra wkoll il-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet partikolari tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, bla ħsara għall-integrità u l-koerenza ta' l-ordni ġuridiku Komunitarju, inklużi s-suq intern u l-politiki komuni.
- (2) Abbażi ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat tal-KE, il-Kunsill adotta, rigward id-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/166/KE tat-18 ta' Frar 2002, li tawtorizza lil Franza testendi rata mnaqqsa tas-sis fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fid-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej. Meta mqabbla mar-rati applikati fuq prodotti simili li ma jkunux ġejjin mid-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, ir-rata mnaqqsa tista' tkun anqas mir-rata minima tas-sisa fuq l-alkoħol stabbilita bid-Direttiva 92/84/KEE, iżda ma tistax tkun aktar minn 50% anqas mir-rata tas-sisa nazzjonali normali fuq l-alkoħol. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tapplika sal-31 ta' Diċembru 2009, b'rapport f'nofs il-perjodu, sa mhux aktar tard minn Ġunju 2006.

---

<sup>3</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>4</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

- (3) Fis-27 ta' Diċembru 2005, l-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw rapport f'nofs it-terminu, filwaqt li indikaw li kien jidher indispensabbli li tinżamm il-miżura fiskali applikabbli għar-rum tradizzjonali mibjugħ fis-suq kontinentali. Barra minn hekk, Franza talbet li l-miżura applikabbli għar-rum tradizzjonali mibjugħ fis-suq kontinentali tiġi estiża sew fil-volum kif ukoll fit-tul ta' żmien, fid-dawl ta' l-iżvilupp tas-suq Komunitarju tar-rum li essenzjalment jibbenefika l-prodotti ta' oriġini minn pajjiżi terzi, u fil-qies ta' l-importanza ekonomika u soċjali tas-settur u tal-karattru strutturali tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni li jdgħajfu l-produttività tas-settur fid-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej (DOM) u li jagħmluha diffiċli li l-produzzjoni tiegħu tinżamm fis-suq Komunitarju.
- (4) Iż-żamma tas-settur tal-kannamieli/zokkor/rum fid-Dipartimenti extra-Ewropej hija indispensabbli biex jiġi żgurat l-ekwilibriju ekonomiku u soċjali tagħhom. Fil-fatt, fit-tliet Dipartimenti l-aktar milquta, jiġifieri Réunion, Guadeloupe u Martinique, dan is-settur huwa l-oriġini ta' volum ta' kummerċ ta' madwar EUR 250 miljun, u jipprovdi madwar 40 000 impjieg, li minnhom 22 000 huma impjiegi diretti. Jeħtieġ ukoll li jinsaħaq fuq l-impatt pożittiv li k-koltivazzjoni tal-kannamieli għandha fuq il-ħarsien ta' l-ambjent fid-DOM. Flimkien mas-settur tal-banana, din hija l-unika attività ta' esportazzjoni sinifikanti f'reġjuni li fihom l-esportazzjoni ma' tkoprix aktar minn 7% ta' l-importazzjoni. Għaldaqstant, iż-żamma min-naħa ta' Franza, b'deroga mill-Artikolu 90 tat-Trattat, ta' rata mnaqqsa tas-sisa fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fid-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej hija meħtieġa u ġusifikata bil-għan li l-iżvilupp tagħhom ma jiġix ipperikolat.
- (5) Ir-reviżjoni ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur taz-zokkor li saret fi Frar 2006 tikkontribwixxi parzjalment għaż-żamma tas-settur. Għaldaqstant qed tiġi pprovduta l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajjnuna għas-settur fil-kuntest tas-sistemi POSEI (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod ta' l-Unjoni), sew bħala għajjnuna Komunitarja kif ukoll dawk nazzjonali, favur it-titjib tal-kompetittività tas-settur kannamieli/zokkor/rum tad-DOM. Madankollu, dawn il-miżuri mhux dejjem jippermettu li jitpatta għat-tneħħija gradwali tal-protezzjonijiet doganali u li jitħares is-sehem tas-suq tar-rum tad-DOM.
- (6) Fid-dawl ta' kemm huwa ristrett is-suq lokali, id-distillaturi tad-DOM ma jistgħux iżommu l-attivitàjiet tagħhom ħlief jekk igawdu minn aċċess suffiċjenti għas-suq ta' Franza kontinentali, li jikkostitwixxi s-suq essenzjali għall-produzzjoni tagħhom tar-rum (aktar minn 50 % tat-total).
- (7) L-għerq tan-nuqqasijiet ta' kompetittività fis-suq Ewropew, essenzjalment ikkawżati minn prezzijiet tal-bejgħ għoljin, joriġina mis-sitwazzjoni ta' kemm jiġi jiswa r-rum, li kompliet sejra għall-aġar mill-2001 'l hawn. Wara dik id-data, sew l-ipejsejż tal-produzzjoni kif ukoll tax-xogħol żdiedu bil-qawwi fid-DOM. Barra minn hekk, ir-rum tad-DOM jeħtieġlu jirrispetta l-istandards regolamentari tal-Komunità, u dan jirrikjedi investimenti mhux produttivi kbar. Mindu l-2001, l-investimenti magħmula fid-DOM qabżu EUR 45.5 miljun, li minnhom l-investimenti biss għall-ħarsien ta' l-ambjent jirrappreżentaw 47% tat-total. Filwaqt li huwa tassew li parti minn dawn l-investimenti tirċievi l-għajjnuna permezz tal-fondi strutturali, dan ma jgħoddx għall-ispejjeż operattivi li jikkawżaw u li jgħollu kemm jiġi jiswa r-rum b'madwar 10 % sa 15 % skond id-distillerija.

- (8) Dawn l-ispejjeż ilkoll flimkien, li żdiedu ħafna mill-2001, lill-impriżi tad-DOM idaħħalhom f'sitwazzjonijiet finazjarji diffiċli. Is-soluzzjoni l-waħdanija biex tiġi żgurata ż-żamma tas-settur hija li l-ispejjeż jinfirxu fuq volumi akbar ta' produzzjoni.
- (9) Mill-2002 'il hawn, il-volum totali mibgħut lejn is-suq Komunitarju naqas bi 12 %, billi għadda minn 176 791 HAP għal 155 559 HAP. Għalhekk huwa biss bis-saħħa tas-suq kontinentali, li fih ir-rum tad-DOM huwa kopert b'sistema fiskali speċifika, li s-settur tar-rum tad-DOM jitħalla jipatti parzjalment għal kemm jiġi jiswa r-rum, u b'hekk jirnexxielu jżomm għaddej. Billi jeħtieġ li l-kompetittività tar-rum tradizzjonali tad-DOM tiġi appoġġata fis-suq kontinentali bil-għan li tinżamm l-attività tas-settur kannamieli/zokkor/rum ta' dawn id-Dipartimenti, huwa f'loku li ssir reviżjoni tal-kwantitajiet ta' rum tradizzjonali li joriġinaw fid-DOM u li jgawdu minn rata mnaqqsa tas-sisa meta jitqiegħdu fis-suq għall-konsum.
- (10) Il-vantaġġ fiskali awtorizzat bid-Deċiżjoni preżenti ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex il-produtturi tar-rum tradizzjonali jiffaċċaw l-ispiża għolja tal-produzzjoni li għandhom.
- (11) Sabiex jiġi żgurat li d-Deċiżjoni preżenti ma tagħmilx deni lill-integrità tas-suq intern, il-kwantitajiet ta' rum li joriġinaw fid-DOM u li jistgħu jgawdu minn din il-miżura ma jistgħux, bħalma dari kien il-każ, ikunu akbar mill-konsum kummerċjali rreġistrat f'dawn l-aħħar snin, skond l-orijini tal-provvisti tas-suq.
- (12) Fid-dawl tal-ħtieġa li l-produtturi tas-settur kannamieli/zokkor/rum tinholqilhom klima ta' ċertezza ġuridika, u b'kunsiderazzjoni tal-perjodi twal meħtieġa biex ikopru l-ispejjeż tat-tagħmir u tal-bini, u fil-qies tal-bżonn ta' koerenza ma' regoli oħra tal-Komunità, huwa f'loku li jinqabel li din id-deroga tinżamm sa tmiem l-2012.
- (13) Madankollu, jeħtieġ ukoll li ma' l-għotja ta' perjodu tali jkun hemm l-obbligu li jsir rapport intermedju li lill-Kummissjoni jippermettilha tivvaluta l-persistenza tar-raġunijiet li ġustifikaw id-deroga fiskali, u jekk ikun il-każ, li teżamina l-ħtieġa li tirrevedi l-perjodu jew il-kwantitajiet ikkonċernati skond liżvilupp tas-suq Komunitarju tar-rum.
- (14) Jeħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/166/KE tkun sostitwita.
- (15) Id-Deċiżjoni preżenti hija bla ħsara għall-applikazzjoni possibbli ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat.

ADOTTAT DIN ID-DECİŻJONI:

#### *Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 90 tat-Trattat, Franza hija awtorizzata testendi l-applikazzjoni fit-territorju kontinentali tagħha, fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fid-DOM tagħha, ta' rata tas-sisa anqas mir-rata sħiħa fuq l-alkoħol definita bl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/84/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tat-taxxa tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku.

## *Artikolu 2*

Id-deroga msemmija fl-Artikolu 1 hija llimitata għar-rum kif definit fl-Artikolu 1(4)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' xorb spirituż, u prodott fid-DOM mill-kannamieli maħsuda fil-post tal-produzzjoni, li jkollu kontenut ta' sustanzi volatili għajr l-alkoħol etiliku u metiliku li jkun ugwali għal 225 gramma kull ettolitr ta' alkoħol pur, jew ogħla minn hekk, u li jkun kiseb tismija alkometrika li tkun ta' 40 % vol. jew aktar.

## *Artikolu 3*

1. Ir-rata mnaqqsa tas-sisa applikabbli għall-prodott imsemmi fl-Artikolu 2 hija llimitata għal kwota annwali ta' 108 000 ettolitr ta' alkoħol pur.
2. Ir-rata mnaqqsa tista' tkun anqas mir-rata minima tas-sisa fuq l-akoħol definita bid-Direttiva 92/84/KEE, iżda ma tistax tkun aktar minn 50% anqas mir-rata tas-sisa nazzjonali normali fuq l-akoħol.

## *Artikolu 4*

Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010, Franza għandha tikkomunika lill-Kummissjoni rapport li jippermetti lil din ta' l-aħħar tivvaluta l-persistenza tar-raġunijiet li jkunu ġġustifikaw l-għoti ta' rata mnaqqsa, u jekk ikun il-każ, il-ħtieġa li l-kwota tinbidel skond l-iżvilupp tas-suq.

## *Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2012.

## *Artikolu 6*

1. Id-Deċiżjoni 2002/166/KE tat-18 ta' Frar 2002 b'dan hija mħassra.
2. Referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għad-Deċiżjoni preżenti.

## *Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussel,

*Għall-Kunsill  
Il-President*